MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 33/2012

Francesco Azzopardi

-vs-

Monica Gatt

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fis-sitta (6) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) illi permezz tieghu l-attur talab hlas ta' danni fis-somma ta' elf u tnejn u hamsin Ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1052.84) minghand il-konvenuta, sofferti minnu meta l-vettura tieghu bin-numru FBU 432 tat-Tip Hyundai Accent kienet involuta f'incident waqt li kienet qed tinstaq minnu fi triq ir-Rabat, Zebbug, Ghawdex fi-tnejn u ghoxrin (22) ta' settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) , meta ntlaqtet minn zmiemel imnaffar gwidat miill konvenuta. Bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz.

Ra ir-risposta tal-konvenuta fejn bl-ewwel eccezzjoni giet kkontestata l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal biex jaqta u jiddeciedi din il-vertanza, stante illi peress illi dan il-kaz jitratta minn ‘hsara involuntarja fil-propjeta li fiha huma involuti vetturi bil-mutur’ il-kaz irid jigi riferut ghal arbitragg mandatarju. Bl-eccezzjonijiet l-ohra l-konvenut ikkontestat ir-responsabilita ta’ l-incident, kif ukoll il-kwantum tad-danni pretizi minn l-attur.

Ra’ l-atti kollha tal-kawza.

Ra’ s-sentenza preliminari tieghu ta’ l-erbatax (14) ta’ Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni konvenuta.

Sema’ ix-xhieda bil-gurament; u ra t-traskrizzjonijiet ta’ l-istess depozizzjonijiet

Ra d-digriet tieghu ta’ l-ghaxra (10) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza  ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi dan huwa incident meta l-attur li kien qed isuq vettura f’arterja principali tat-traffiku – it-triq li mir-Rabat, Ghawdex tiehdok ghal bajja ta’ Marsalfron, iltaqa ma’ zewgt izwiemel mirkubin fuq id-dahar wiehed wara l-iehor; u f’manuvra ta’ sorpass li hu kien qed jaghmel sehh incident li kien jinvolvi wiehed miz-zwiemel u l-vettura tieghu.

It-tribunal ghandu quddiemu zewgt verzjonijiet ta’ kif sehh l-incident. Izda dan it-tribunal jemmen illi l-verzjoni tal-konvenuta kif ben spjegata mix-xhud Zoe Green, jidher li ghandha aktar mis-sewwa. Il-verzjoni ta’ l-attur  moghtija quddiem it-tribnal ma taqbilx ma’ dik moghtija lill-ufficcjal tal-pulizija ezekuttiva a tempo vergine. Filwaqt illi Azzoppardi jixhed illi l-incident sehh meta z-ziemel nafar (dan anke jintqal fl-avviz promtur) , dan il-fat ma ntqalx lil PS 1233 John Attard li rcieva r-rapport. L-anqas intqal minn Josephine Sultana li kienet riekba passiggier mal-attur. Similment il-verzjoni ta’ Josephine Sultana tvarja

kemm minn dik a tempo vergine kif ukoll minn dik tal-attur. Josephine Sultana tghid illi z-ziemel mexa b'lura u sussegwentament beda' jgholli saqajh ta' wara. A tempo vergine hija qalet illi z-ziemel hareg ghan-nofs bil-konsegwenza li kien hemm tamponament mal-vettura ta' l-attur li kienet qed taghmel sorpass. Min naha l-ohra l-attur in kontro ezami jghid illi z-ziemel beda jaghla 'l quddiem b'saqajh ta' quddiem u sussegwentament mexa lura.

Il-konvenuta tinnega dan kollu, u tghid illi kien impossibbli li z-ziemel jaghti b'saqajh ta' wara – dan ghaliex id-distanza bejn iz-ziemel u l-vettura kienet tant qasira (cioe' kienu tant qrib) li ma kienx hemm bizejjed spazju biex iz-ziemel jaghti b'saqajh ta' wara. Tghid illi mhux minnu illi l-attur nizel joffri l-ghajnuna izda ghal kuntrarju dan nizel jghajjat maghha (dan itqal ukoll a tempo vergine. Id-deskrizzjoni ta' l-incident taghtiha Zoe Green li kienet fuq ziemel aktar lura. Tghid illi wara li l-attur issorpassa z-ziemel taghha huwa gie biex jissorpassa z-ziemel ta' Monica Gatt. Dan kien qed jaghmlu f'liwja fit-triq li hi tiddeskrivi bhala ' *very sharp corner'*. Tghid illi waqt din il-manuvra ta' sorpass, is-sewwieq sab faccata tieghu traffiku li kien gej bil-konsegwenza li biex jevita dan it-traffiku kiser eqreb lejn iz-ziemel bil-konsegwenza li laqtu. Green tghid illi z-ziemel intlaqat u gie f'pozizzjoni fejn iz-ziemel gie b'saqajh tahtu.

Din id-deskrizzjoni minn Zoe Green ta' kif spicca z-ziemel hija korroborata perfettament mil-hsara fuq il-vettura, fejn per konsegenza z-ziemel jirrizulta li tefa l-warani fuq il-vettura (fuq il-windscreen) u mill-gerha li kellu l-istess ziemel. Min naha l-ohra la l-gerha u l-anqas il-hsara ma huma kompatibbli ma' ziemel li nafar jew li ta' biz-zewg b'saqajh minn wara kif jghid l-attur.

Dan it-tribunal jemmen illi l-manuvra tal-attur hija wahda censurabbli. L-attur suppost kien jaf li kien qed isuq fi triq traffikuza specjalment fis-sajf u specjalment is-Sibt wara nofsinhar – seta' ghalhekk ragonevolment jipprezumi illi l-karreggjata opposta kienet ser tkun dejjem okkupata. Mir-ritratti esebiti jidher ukoll illi l-marki tal-karreggjata kienu

jipprekludu illi wiehd jaqbez il-karreggata u ghalhekk l-attur kellu joqghod ferm attent qabel ma jaghmel manuvra ta’ sorpass. Din il-manuvra hija aktar censurabbli fid-dawl tal-fatt illi l-attur ghazel li jaghmilha f’liwja tat-triq li hija relivament liwja kerha li ma taghtix vizwali tajba tal-karreggjata opposta. Ma hija xejn il-post idejali ghal sorpass. Dwar din il-manuvra jigi osservat illi:-

*“Min ikun qieghed isuq karozza m’ghandux jaghmel il-manuvra ta’ overtaking minghajr ma jkun safe li ssir dik il-manuvra. Jekk dik il-manuvra ssir barra minn zmienha u b’okkupazzjoni ta’ spazju zejjed, dik il-manuvra hija hazina (“App. Krim. Pul. Vs T. Meilak”, Vol. 33 p4 p 723).*

*Ir-responsabilita’ li l-manuvra ta’ sorpass tkun tajba – tant ghall-post, kemm ghall-hin kif ukoll ghall-ezekuzzjoni taghha – hija ghal kollox fuq id-driver li ser jaghmel is- sorpass (“Genovese vs Wells” 27.6.72).*

In oltre ir-responsabilita tal-attur fil-manuvra li kien qed jaghmel tiehu dimesjonijiet aktar gravi meta jirrizulta huwa kien qed jissorpassa ziemel u mhux vettura ohra. B’ziemel fit-triq l-attur ried ikun ferm u ferm aktar kawt, li jassikura illi l-manuvra tieghu tkun hielsa minn kull riskju ghalieh u ghaz-ziemel.

Interessanti f’dan ir-rigward il-provvedimenti tal-Highway Code:-

*‘130 Go slowly when driving past animals and give them plenty of room. Stop if necessary or if signalad to do so. Be prepared to meet led animals coming towards you on your side of the road, especially on a left bend. Animas are liable to sudden movements. Take care that in swerving to avoid an animal, you do not provoke a more serious accident.’*

L-attur li kif xhed hu stess kellu vizwali precedenti taz-zwiemel ghazel li jaghmel il-kuntrarju u ghazel li jissporpassa f’liwja tat-triq, fejn it-triq ma tantx tippermettilu, bil-konsegwenza li tant ghadda qrib iz-ziemel li meta kellu jiggenneb minhabba t-traffiku li kien

gej fid-direzzjoni opposta spicca mess maz-ziemel bil-konsegwenza li sehh l-incident.

Jirrizulta ghalhekk illi huwa l-attur li kkaguna dan l-incident meta ghazel li jazzarda manuvra ta’ sorpass f’parti imprekattiva ta’ triq principali bil-konsegwenza li gara dak li gara.

In oltre jinghad ukoll illi in materja ta' danni l-attur "*e` nell' obbligo di provare un fatto od una omissione che porti insito la prova della colpa che egli imputa al convenuto medesimo; poiche` la colpa e` un' ipotesi giuridica e generica finche sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputi ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili" (Vol. XXIV P I p 893 - 898);*

Fil-kaz de quo l-attur mhux biss ma pprovax din il-kolpa fil-konvenuta, talli mill-konfessjoni tieghu stess huwa bil-wisq car illi kienet il-manuvra nkonsulta u azardata tieghu li tat lok ghall- iskontru u kienet in-nuqqas tad-dovuta diligenza da parte tieghu meta ghazel li jissorpassa annimal bil-mod kif issorpassah.

Ghal dawn il-motivi dan it-tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fil-mertu, jichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjes kollha kontra tieghu. L-ispejjes tas-sentenza preliminari fuq imsemmija, nluzi dawk tan-noti ta’ riferenzi li precedewha ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------